**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 256**

It-Tlieta, 9 ta' Lulju 2024

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta fl-4.00 p.m.

L-Ispeaker l-Onor. Anġlu Farrugia ppreseda.

**PREŻENTI**

Il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ l-Onor. Ian Borg u l-Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi l-Onor. Silvio Schembri kienu msiefra fuq xogħol tal-Gvern.

L-Onor. Charles Azzopardi, l-Onor. Abigail Camilleri, l-Onor. Randolph De Battista*, l-Onor. Aaron Farrugia, l-Onor. Beppe Fenech Adami u l-Onor. Chris Said kienu skużati.

Is-Segretarju Parlamentari għax-Xogħlijiet Pubbliċi l-Onor. Omar Farrugia, l-Onor. Chris Agius, l-Onor. Alex Borg, l~~-Onor. Randolph De Battista~~*, l-Onor. Adrian Delia, l-Onor. Stephen Spiteri u l-Onor. Edward Zammit Lewis kienu assenti.

** Vide Minuti tas-Seduta 259 – 07.10.2024*

**TALBA**

L-Iskrivan tal-Kamra qalet it-talba.

**MINUTI**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 255 li saret fit-8 ta' Lulju 2024 kienu kkonfermati.

**RULING**

L-Ispeaker ta ruling fuq it-talba tal-Onor. Chris Fearne għall-protezzjoni tas-Sedja magħmula fis-seduta tat-8 ta' Lulju 2024 fir-rigward ta' evidenza illi kien suġġett għal smear campaign fil-kofront tiegħu anke kif rappuratat fi tliet artikli li dehru online fuq siti ta' midja barranija u lokali.

**INFORMAZZJONI MIS-SEDJA**

L-Ispeaker qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 4002 Rapport Analitiku 03/2024 bl-isem *Ħarsa ġenerali lejn il-qafas ta' aċċertament u l-fatturi ewlenin li jikkontribwixxu għal żbalji fl-infiq fil-qasam tal-koeżjoni 2014-2020* ippubblikat mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) fit-8 ta' Lulju 2024; u

P.L. 4003 Rapport annwali u stqarrijiet finanzjarji tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika (NAO) għas-sena 2023.

## MISTOQSIJIET

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba orali.

Fl-4.30 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet numru 18283 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub.

## TQEGĦID TA' KARTI

Il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, l-Onor. Owen Bonnici, f'isem il-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 4004 Tagħrif dwar it-tħawwil ta' siġar, pjanti u arbuxelli f'Għawdex u Kemmuna fil-perjodu bejn Jannar u Ġunju 2024, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 20217;

f'isem il-Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 4005 Tabella li turi tagħrif dwar l-impjieg ta' żewġ persuni fid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika fis-snin bejn l-2020 u l-2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 19522;

f'isem il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 4006 Tagħrif dwar in-numru ta' charging points ippjanati li jsiru f'Għawdex fl-2024 għal vetturi elettriċi maqsuma skont il-lokalità, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 20219;

f'isem il-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 4007 Tabella li turi n-numru ta' studenti li waqfu milli jattendu istituti edukattivi postsekondarji tal-Gvern fis-snin bejn is-sena akkademika 2014 – 2015 u s-sena akkademika 2023 – 2024 maqsuma għal kull istitut, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 20496; u

f'isem il-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, qiegħed fuq il Mejda tal Kamra:

P.L. 4008 Lista ta' servizzi li se jkunu offruti fiċ-Ċentru Vincent Moran f'Raħal Ġdid, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 20350.

## MOZZJONIJIET

## MOZZJONI SABIEX JIĠI APPROVAT L-OMBUDSPLAN GĦAS-SENA 2024 – MOZZJONI 272

Il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, l-Onor. Owen Bonnici, ippropona:

Illi wara li l-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra ddiskuta l-Ombudsplan għas-sena 2024 ippreżentat mill-Ombudsman, li kopja tiegħu tpoġġiet fuq il-Mejda tal-Kamra fis-Seduta 149 tat-2 ta' Ottubru 2023;

Wara li sema' l-ispjegazzjonijiet mogħtija mill-Ombudsman personalment fuq il-kummenti kollha li sarulu fil-laqgħa tal-istess Kumitat tal-10 ta' Ġunju, 2024;

Wara li t-traskrizzjoni ta' din il-laqgħa ġiet ċirkolata lill-Membri tal-Kamra tad-Deputati; u

Wara r-rakkomandazzjoni li saret mill-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra;

Il-Kamra tad-Deputati tapprova l-Ombudsplan għas-sena 2024 kif ippreżentat.

Il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol, l-Onor. Byron Camilleri, issekonda.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con.

## ORDNIJIET TAL-ĠURNATA

L-Iskrivan tal-Kamra qrat l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

### 1. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR KUNSILL GĦALL-MALTIN LI JGĦIXU BARRA MINN MALTA – ABBOZZ NRU 91

Il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol, l-Onor. Byron Camilleri, f'isem il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ, ippropona t-Tielet Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar Kunsill għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta.

Is-Segretarju Parlamentari għar-Riformi u l-Ugwaljanza, l-Onor. Rebecca Buttigieg, issekondat.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att li jemenda l-Att dwar Kunsill għall-Maltin li jgħixu barra minn Malta, Kap. 515, u sabiex jipprovdi għal ħwejjeġ anċillari jew konsegwenzjali għalih" inqara t-tielet darba u għadda.

### 2. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR L-IDENTITÀ TAL-ĠENERU, L-ESPRESSJONI TAL-ĠENERU U L-KARATTERISTIĊI TAS-SESS – ABBOZZ NRU 99

Is-Segretarju Parlamentari għar-Riformi u l-Ugwaljanza, l-Onor. Rebecca Buttigieg, f'isem il-Prim Ministru, ippproponiet it-Tielet Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Identità tal-Ġeneru, l-Espressjoni tal-Ġeneru u l-Karatteristiċi tas-Sess.

L-Onor. Davina Sammut Hili ssekondat.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda l-Att dwar l-Identità tal-Ġeneru, l-Espressjoni tal-Ġeneru u l-Karatteristiċi tas-Sess, Kap. 540, u sabiex jipprovdi għal emendi konsegwenzjali oħrajn" inqara t-tielet darba u għadda.

## 3. ABBOZZ TA' LIĠI DWAR IS-SAĦĦA U S-SIGURTÀ FUQ IX-XOGĦOL - ABBOZZ NRU 105

Il-Kamra rriżumiet mit-8 ta' Lulju 2024 id-diskussjoni fuq it-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq ix-Xogħol.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Stefan Zrinzo Azzopardi, l-Onor. Jerome Caruana Cilia, l-Onor. Ray Abela, l-Onor. Bernard Grech, l-Onor. Graziella Galea, l-Onor. Toni Bezzina u l-Onor. Jonathan Attard.

Il-Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali, l-Onor. Stefan Zrinzo Azzopardi, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 4009 White Paper: *A New Health and Safety at Work Act* maħruġa mill-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol datata 28 ta' April 2023.

Il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni, l-Onor. Jonathan Attard, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 4010 Stqarrija mill-Union tal-Health and Safety Practitioners (UHSP) li dehret fuq il-paġna ta' *Facebook* tal-UHSP fid-9 ta' Lulju 2024 dwar rakkomandazzjonijiet li l-Union kienet se tagħmel għall-Abbozz ta' Liġi dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq ix-Xogħol li kien qed jiġi diskuss fil-Parlament.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jipprovdi għar-regolamentazzjoni ta' kwistjonijiet relatati mas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol u b'mod partikolari l-promozzjoni u s-salvagwardja tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema fuq ix-xogħol. L-Att għandu jipprovdi wkoll għall-eżerċizzju minn jew f'isem l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq ix-Xogħol ta' funzjonijiet regolatorji fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema fuq ix-xogħol. Barra minn hekk, l-Att jipprovdi għal ħwejjeġ li joħorġu minn, huma konnessi ma' jew anċillari għall-imsemmija funzjonijiet" inqara t-tieni darba.

Il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni talab il-permess sabiex, minkejja li dan l-Abbozz ta' Liġi jirrikjedi l-Messaġġ tal-President, iressaq mozzjoni ħalli l-istadju ta' kumitat tal-Abbozz jiġi ttrattat fil-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi.

Il-permess ingħata.

Il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni ppropona li dan l-Abbozz ta' Liġi jiġi ttrattat mill-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi.

L-Onor. Davina Sammut Hili ssekondat.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con.

Fis-6.51 p.m. il-Kamra kienet sospiża u rriżumiet fis-6.53 p.m.

## 4. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA LIĠIJIET VARJI DWAR IL-PROFESSJONIJIET REGOLATI FIL-QASAM TAL-BENESSERI SOĊJALI - ABBOZZ NRU 104

Il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni, l-Onor. Jonathan Attard, f'isem il-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal talab il-permess sabiex, minkejja li dan l-Abbozz ta' Liġi jirrikjedi l-Messaġġ tal-President, iressaq mozzjoni ħalli l-istadju ta' kumitat tal-Abbozz jiġi ttrattat fil-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi.

Il-permess ingħata.

Il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni ppropona li dan l-Abbozz ta' Liġi jiġi ttrattat mill-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi.

L-Onor. Naomi Cachia ssekondat.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con.

Fis-6.55 p.m. il-Kamra qablet li l-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol ikun dak il-ħin u li jitressaq l-aġġornament.

**AĠĠORNAMENT**

Il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni, l-Onor. Jonathan Attard, ippropona l-Aġġornament tal-Kamra għal nhar l-Erbgħa, 10 ta' Lulju 2024, fl-4.00 p.m. b'din l-aġenda:

**<u>Ordnijiet tal-Ġurnata</u>**

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jħassar l-Ordinanza dwar il-Lebbrużi u r-Regolamenti dwar il-Lebbrużi | Tielet Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar is-Swieq fil-Kriptoassi | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Amministrazzjoni tal-Adozzjoni u Liġijiet Varji dwar Minuri | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili *(Abbozz 102)* | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 5) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 6) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili *(Abbozz 64)* | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili (Emenda Nru 2) *(Abbozz 82)* | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar it-Twaqqif ta' Kumitat għar-Rakkomandazzjonijiet ta' Miżuri għall-Ħarsien ta' Ġurnalisti, Persuni oħra b'irwol fil-Midja u Persuni fil-Ħajja Pubblika | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Diversi Liġijiet dwar il-Protezzjoni tal-Midja u tal-Ġurnalisti | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar il-Monitoraġġ Elettroniku | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Ordinanza dwar l-Avukat Ġenerali | Tieni Qari |

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi dwar Persuni li jipprovdu Servizzi ta' Kreditu u dwar Xerrejja ta' Kreditu | Tielet Qari |

----

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi dwar l-Aġenzija dwar is-Suq tal-Proprjetà | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq ix-Xogħol | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Liġijiet Varji dwar il-Professjonijiet Regolati fil-Qasam tal-Benesseri Soċjali | Kumitat Permanenti |

Il-ħin tal-aġġornament ittieħed min-naħa tal-Gvern, mill-Onor. Michael Farrugia.

Fis-7.24 p.m. l-Ispeaker avża li l-Kamra ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa, 10 ta' Lulju 2024, fl-4.00 p.m. bl-aġenda kif komunikata mill-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni.

**ELEANOR SCERRI**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA**
**SPEAKER**